MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 770/1999/1

Onorevoli Avukat Anġelo **FARRUĠIA**

vs

Nicholas **CUTAJAR**, Charles Mizzi u Alfred Briffa bħala editur tal-Gażżetta "*It-Torċa*"

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Marzu, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (i) issib li l-artikli li dehru bħala intervista fil-ħarġiet tal-gażżetta "*It-Torċa*" tal-21 ta' Marzu, 1999, u tat-28 ta' Marzu, 1999, huma libellużi fil-konfront tiegħu u jesponuh għad-disprezz tan-nies; u (ii) tikkundanna lill-imħarrkin

iħallsuh id-danni li jogħġobha tiffissa skond l-artikolu 28 talAtt XL tal-1974;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-27 ta’ April, 1999, li biha l-imħarrek Alfred Briffa laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li, bħala editur tal-gażżetta, l-ewwel talba attriċi ma tirriżultax skond il-Liġi tal-Istampa safejn din tirreferi għalih, u għaldaqstant ma hemm l-ebda danni li huwa jrid iħallas lill-attur;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta’ April, 1999, li biha l-imħarrek Nicholas Cutajar laqa’ għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qal li s-siltiet tal-artikli msemmija mill-attur ma jistgħu qatt jikkostitwixxu malafama kontra l-attur b’mod li jnaqqsu l-ġieh tal-attur man-nies jew li jwaqqgħuh għad-disprezz tagħhom. Laqa’ wkoll billi qal li l-fatti msemmija m’humiex jirreferu għal xi persuna speċifika u għalhekk it-talbiet attriċi m’għandhomx jintlaqgħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-3 ta’ Mejju, 1999, li biha l-imħarrek Charles Mizzi laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li hu m’għandux jinżamm responsabbli għal dak li qallu l-intervistat Cutajar billi l-artiklu ma kienx xejn ħlief intervista bħala rivista ta’ ktieb li l-intervistat kien wasal biex jippubblika, u għaldaqstant il-fatti attribwiti ma qalhomx hu iżda l-persuna intervistata. Żied jgħid li l-artikli li dehru fil-gażżetta m’humiex libellużi, malafamanti jew inġurjużi fil-konfront tal-attur. Temm jgħid li r-riferenzi fl-artiklu għal nies imdaħħlin fil-politika ma kinux diretti lejn l-attur li, fiż-żmien li ġraw il-fatti msemmija, ma kienx għadu daħal fix-xena politika. F’kull każ, l-ebda riferenza għal “*frame up*” ma saret bil-ħsieb li tirreferi għall-attur, kif kellu jintwera aħjar waqt it-trattazzjoni;

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti diversament presjeduta;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta’ Frar, 2001, fejn saret dikjarazzjoni ta’ qbil mill-avukati tal-partijiet dwar l-ordni

tal-Qorti Kriminali biex jibda stħarriġ fil-konfront tal-imħarrek Cutajar[1];

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Cutajar fil-15 ta' Ġunju, 2001, li biha ressaq eċċezzjoni ulterjuri għall-finijiet tal-artikolu 158(11) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta' Ġunju, 2001, li fih l-avukat tal-attur irtira t-talba li kien għamel fis-smigħ tad-29 ta' Novembru, 1999, biex in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-imħarrek Cutajar titneħħa mill-atti tal-kawża billi ma kinitx iffirmata minn avukat;

Semgħet ix-xhieda mressqa quddiemha wkoll;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Marzu, 2003[2], li bih ordnat lill-imħarrkin Mizzi u Briffa jressqu b'affidavit ix-xhieda li seta' kien għad fadlilhom x'iressqu saż-żmien hemm mogħti lilhom;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2003, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-partijiet u tat lill-partijiet, fuq talba tagħhom stess, żmien biex jagħmlu t-trattazzjoni tal-għeluq bil-meżż ta' noti ta' sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-1 ta' Awissu, 2003[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fis-16 ta' Settembru, 2003[4] mill-imħarrek Briffa bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fl-1 ta' Ottubru, 2003[5] mill-imħarrek Cutajar bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat illi l-imħarrek Mizzi ma ressaq l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet;

---

[1] Paġ. 63 tal-proċess
[2] Paġ. 155 tal-proċess
[3] Paġġ. 162-7 tal-proċess
[4] Paġġ. 169 sa 171 tal-proċess
[5] Paġġ. 172 sa 183 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda l-kopji tad-depożizzjonijiet mogħtijin fl-atti tal-kumpilazzjoni fil-konfront tal-imħarrek Cutajar;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' libell taħt l-Att tal-1974 dwar l-Istampa. L-attur ħassu malafamat b'żewġ artikli li dehru f'medda ta' ġimgħa, f'Marzu tal-1999, fil-gażżetta "*It-Torċa*", liema artikli kienu jikkonsistu f'intervista li l-imħarrek Charles Mizzi għamel lill-imħarrek l-ieħor Nicholas Cutajar. Minħabba li l-attur iqis li xi partijiet minn dik l-intervista jnaqqsulu l-ġieh tiegħu mal-pubbliku u jwaqqgħuh għad-disprezz, qiegħed ifittex kumpens għad-danni mġarrba;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek Briffa laqa' billi qal li l-ewwel talba ma tolqtux skond il-Liġi tal-Istampa, u għalhekk, m'hemm l-ebda danni li huwa għandu jagħmel tajjeb għalihom lill-attur;

Illi l-imħarrek Mizzi laqa' billi qal li hu ma wettaq l-ebda libell, inġurja jew malafama billi kulma għamel kien li irriproduċa dak li qallu ħaddieħor f'intervista, u l-istess intervista ma kinitx libelluża, malafamanti jew inġurjuża. Żied jgħid li r-riferenzi għall-persuni involuti fil-qasam politiku ma kinux riferenzi għall-attur li, fiż-żmien in kwestjoni, ma kienx (għadu) daħal fil-qasam politiku, bħalma wkoll ir-riferenzi għall-"*frame up*" bl-ebda mod ma jirreferu għall-attur;

Illi l-imħarrek Cutajar laqa' billi ċaħad li s-siltiet tal-artikoli li jilmenta minnhom l-attur huma malafamanti u b'hekk ma jistgħux jitqiesu li jnaqqsu l-ġieh tal-attur jew li jwaqqgħuh għad-disprezz, u fi kwalunkwe każ, m'hemm xejn fl-

imsemmija siltiet li huma determinanti għal xi persuna speċifika;

Illi l-fatti ewlenin li jsawru l-każ juru li l-attur għamel żmien iservi fil-korp tal-pulizija. Bħalu kien l-imħarrek Cutajar. It-tnejn li huma kienu laħqu waslu f'karigi għoljin fil-korp. L-attur spiċċa mis-servizz mal-korp fl-1996 u wara ftit taż-żmien involva ruħu fil-ħajja politika, u, f'dik l-istess sena, ġie elett fil-Kamra tar-Rappreżentanti, kif għadu sal-lum. L-imħarrek Cutajar kien meħlus milli jibqa' jservi fil-korp f'Settembru tal-1989, xi żmien wara li kien laħaq il-grad ta' Assistent Kummissarju fl-1988;

Illi għall-ħabta tal-1993, l-imħarrek Cutajar kien involut f'xi proċeduri ġudizzjarji marbuta ma' proċeduri kriminali fil-konfront ta' persuna li qabel kienet tokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija. Minħabba dawk il-proċeduri, l-Qorti Kriminali kienet ordnat li jittieħdu passi wkoll kontra l-imħarrek Cutajar, li kien għadda kumpilazzjoni fuq għadd ta' xiljiet[6]. L-attur, dak iż-żmien li nbdew l-imsemmija proċeduri, kien l-uffiċjal prosekutur flimkien ma' membru ieħor tal-korp, Emanuel Cassar, li mbagħad ħareġ minnha għal xi żmien sakemm dam jokkupa l-post ta' Direttur tal-Ħabs, iżda li mbagħad reġgħet għaddiet f'idejh xi ftit aktar minn sena qabel ma dehru l-artikli mertu tal-każ[7]. Il-kumpilazzjoni kontra l-imħarrek Cutajar intemmet bejn l-1998 u l-1999, bla ma nħareġ Att ta' Akkuża kontrih[8];

Illi f'xi żmien matul l-1999, l-imħarrek Mizzi, bħala ġurnalist u artikolist stabilit, kien talab lill-imħarrek Cutajar biex jintervistah dwar il-ġrajjiet li dan kien għadda minnhom fil-korp. L-intervisti saru u qabel ma l-imħarrek Mizzi għaddiehom għall-pubblikazzjoni, bagħat abbozz lill-imħarrek Cutajar li għaddihomlu lura b'xi bidliet[9]. L-imħarrek Briffa kien l-editur ta' "*It-Torċa*" fiż-żmien li saret il-pubblikazzjoni tal-artikli inkriminati. L-artikli dehru fuq medda ta' żewġt Itħdud, fil-21 ta' Marzu, 1999[10], u fit-28 ta'

[6] Xhieda tiegħu 12.11.2001, f'paġġ. 131 – 5 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Emanuel Cassar 23.2.2000 f'paġ. 37 tal-proċess
[8] Xhieda tal-imħarrek Cutajar 12.11.2001, f'paġġ. 136 – 7 tal-proċess
[9] Xhieda tal-imħarrek Mizzi 19.6.2003, f'paġ. 159 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġ. 7 tal-proċess

Marzu, 1999[11]. Matul l-intervista u bħala parti mis-subtitoli tagħha fiż-żewġ ħarġiet, l-imħarrek Cutajar ta x'jifhem li dak li tkellem dwaru fl-intervista kien se' jtennih b'aktar dettal fi ktieb li huwa kiteb u li kien fi ħsiebu jippubblika 'l quddiem;

Illi l-kawża nfetħet l-għada li deher it-tieni artiklu bit-tkomplija tal-intervista;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-aspetti ġuridiċi tal-każ li għandha quddiemha, jidher xieraq li tipprovdi dwar in-Nota mressqa mill-imħarrek Cutajar fil-15 ta' Ġunju, 2001, u li biha ressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri. Għalkemm f'dik in-Nota jingħad li kienet qegħda titressaq taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158(11) tal-Kap 12, jidher li, madankollu, ma saritx kif trid il-liġi. L-attur kien irriserva il-pożizzjoni tiegħu dwar l-ammissibilita' tal-istess. Huwa minnu li l-liġi tgħid li n-Nota tal-Eċċezzjonijiet ta' parti mħarrka tista' wara – jiġifieri meta l-attur ikun għalaq il-provi tiegħu u qabel jibda jressaq il-provi l-imħarrek – tinbidel b'Nota separata, kemm bit-tneħħija ta' xi eċċezzjoni u kif ukoll biż-żieda ta' oħrajn. Madankollu, dan il-jedd tal-parti mħarrka jrid isir b'ħarsien ta' dak li tipprovdi l-istess liġi. Dwar dan, l-artikolu 728(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura jfisser preċiż x'għandu jsir jekk kemm-il darba l-parti mħarrka tkun trid tressaq eċċezzjoni oħra fi stadju ieħor tal-kawża wara li tkun tressqet in-Nota tal-Eċċezzjonijiet oriġinali;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158(11) għandhom jitfissru bħala subordinati għal dawk tal-artikolu 728 li jagħmel parti mis-Sub-Titolu tal-Kodiċi li jirreferi għal "l-Eċċezzjonijiet in Ġenerali". Il-proċedura preskritta dwar eċċezzjonijiet ulterjuri – u li ddaħħlet fil-Kodiċi bil-bidliet estensivi li seħħew fih bl-Att XXIV tal-1995 – trid li tali eċċezzjonijiet jitħallew jitressqu biss bil-permess tal-Qorti wara li tkun saritilha talba għal daqshekk b'rikors, u wara li tqis jekk kienx hemm raġuni siewja li minħabba fiha tali eċċezzjoni ulterjuri ma tkunx ingħatat qabel. Dan jidher li jgħodd ukoll fil-każ fejn l-

[11] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess

eċċezzjoni ulterjuri tkun fil-għamla ta' kjarifika ta' xi eċċezzjoni mressqa qabel;

Illi l-imsemmija eċċezzjoni "ulterjuri" mressqa mill-imħarrek Cutajar m'hijiex waħda minn dawk li għalihom jgħodd l-artikolu 731 tal-imsemmi Kodiċi;

Illi l-imħarrek Cutajar ma ressaq l-ebda rikors biex jitlob lill-Qorti tħalli li n-Nota tal-Eċċezzjoni ulterjuri tiegħu tiddaħħal fl-atti tal-kawża. Għall-kuntrarju, fl-intestatura tan-Nota donnu jimplika li dik in-Nota kien qiegħed iressaqha b'jedd. Kif ingħad, tali jedd huwa kondizzjonat għall-awtorizżazzjoni tal-Qorti u wara li tiġi mħarsa l-proċedura preskritta. F'dan il-każ, għalhekk, in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-imħarrek Cutajar hija għal kollox irrita u l-Qorti m'hijiex tqisha, anzi qiegħda tordna t-tneħħija tagħha mill-atti tal-kawża;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali dwar il-mertu</u> xieraq li jingħad li l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dwar jekk l-artikli msemmija jikkostitwux tassew kitba libelluża fil-konfront tal-attur. Id-determinazzjoni ta' dan l-aspett mhux biss huwa meħtieġ biex isejjes l-ewwel talba attriċi, iżda jiddetermina wkoll jekk kemm-il darba l-Qorti għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ xi eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrkin;

Illi f'dan il-każ il-Qorti tirrileva li l-imħarrkin kellhom sehem differenti fil-ġrajja. L-imħarrek Cutajar kien il-persuna li tat l-intervista lill-imħarrek Mizzi li kien ġurnalista li ltaqa' ma' Cutajar u fassal l-artikli. Dan għaddihom lil Cutajar qabel ma bagħthom għall-istampa u Cutajar reġa' bagħthom lura b'xi tiswijiet jew bidliet lil Mizzi. L-imħarrek Briffa kien l-editur tal-gażżetta fiż-żmien li dehru l-artikli mertu tal-każ;

Illi l-Qorti tirrileva wkoll li, għalkemm l-attur jirreferi għaż-żewġ artikli sħaħ bħala dawk li minnhom jgħid li ġarrab malafama, huwa silet ukoll espressament partijiet li jgħid li jirreferu b'mod partikolari għalih. Dawn is-siltiet (kif imniżżla fl-Att taċ-Ċitazzjoni) huma:

(1) “*Il-każ tiegħu*[12] *huwa storiku u uniku li tressaq quddiem il-Qorti għax kien frame up tal-puluzija kontra wieħed minnhom*”. *Jinsisti li l-ktieb li bi ħsiebu jippubblika mhux xi vendetta kontra ħadd, iżda biex il-poplu Malti jsir jaf fejn kapaċi jaslu niex konnessi mal-politika*. “*Kienu uffiċjali tal-pulizija li sa ftit qabel kont naħdem magħhom, spalla ma' spalla, li baqgħu jippruvaw jitfgħuni l-ħabs*” (l-ewwel premessa taċ-Ċitazzjoni, meħuda mill-ħarġa tal-21 ta' Marzu, 1999);

(2) “*Jiena u tiela' t-taraġ tal-Qorti, ltqajt mal-Kummissarju George Grech u s-supretendent Anġlu Farruġia. Is-sur Farruġia malli rani, beda jogħrok idejh. Staqsejt lill-Kummissarju x'inqala' u qalli li ma nafx*[13]” (it-tieni premessa, meħuda mill-ħarġa tat-28 ta' Marzu, 1999);

(3) “*Ġbidt l-attenzjoni ta' l-Imħallef Victor Caruana Colombo għala ġejt imsejjaħ il-Qorti b'dan il-mod u għall-fatt li sibt fotografu tal-ġurnal jistennieni u għala malli rani s-supretendent Farruġia beda jħokk idejh. Donnu li ħadd ma kien jaf, jew lest li jwieġeb il-mistoqsijiet leġittimi tiegħi. Quddiem il-Qorti s-supretendent Farruġia spjega li ma kellu l-ebda intenzjoni jagħmel hekk*” ... “*Nhar is-seba ta' Jannar 1993, l-Ex Assistent Kummissarju Nikol Cutajar ġie arrestat u meħud l-għassa tal-Belt. Il-Prosekuzzjoni kellha titmexxa minn ex-kollega tiegħu is-supretendent Anġlu Farruġia u l-Ispettur Emmanuel Cassar*” (it-tielet premessa, meħuda mill-ħarġa tat-28 ta' Marzu, 1999); u

(4) “*Nikol Cutajar fil-ktieb tiegħu bi ħsiebu jiżvela kif l-akkużi kontra tiegħu inbdew waħda fuq l-oħra fuq premessi u ġuramenti foloz*” ... “*Qed nippjana li l-ktieb jiġi publikat fl-aħħar ta' din is-sena. Mhux bi ħsiebni nkun kattiv kif kienu miegħi. Se nsemmi l-fatti u l-identita' ta' kull min kellu x'jaqsam ma' dan il-frame up kontra tiegħi*” (ir-raba' premessa, meħuda mil-ħarġa tat-28 ta' Marzu, 1999);

[12] *Recte*: fl-artiklu, l-kelma wżata hija “tieghi”
[13] *Recte*: fl-artiklu l-kelma wżata hija “jafx”

Illi huwa evidenti li s-siltiet imsemmija jridu jinqraw fil-qafas ta' dak li jingħad matul iż-żewġ artikli moqrijin sħaħ, u mhux maqtugħin għalihom flimkien jew kull waħda għal rasha[14]. Biex qieset sewwa kemm l-ilmenti tal-attur u kemm l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin, il-Qorti qrat iż-żewġ artikli kollha b'moħħ miftuħ bħallikieku kienet qarrej tal-istess, dak inhar li ħarġet il-gażżetta. Dan kien meħtieġ li jsir ukoll għaliex bejn l-attur u l-imħarrek Cutajar tqajmu kwestjonijiet dwar is-siltiet inkriminati nfushom u wkoll dwar posthom fil-qafas sħiħ tal-artikli li dehru fihom;

Illi minn dak li jilminta minnu l-attur u mill-eċċezzjoni ewlenija tal-imħarrek Cutajar, jidher li l-aspett legali li jrid jitqies fl-imsemmija pubblikazzjonijiet huwa dak tal-verita' tal-fatti u tal-jedd għall-kronaka, it-tnejn marbutin mal-kwestjoni jekk l-artikli in kwestjoni (u s-siltiet individwati) jidentifikawx jew le lill-attur jew jekk qarrej b'dehen ordinarju (sa minn żminijiet ilu magħruf fid-duttrina bħala "*the reasonable fair-minded man*"[15]) jifhimx raġonevolment li dawk il-fatti jitqiesu li jirreferu għalih[16];

Illi l-imħarrkin Cutajar u Mizzi jisħqu li l-ebda parti mill-kitba fiż-żewġ artikli ma hija libelluża jew malafamanti fil-konfront tal-attur, lanqas fil-ġabra sħiħa tas-sens moqri tagħhom. Min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li f'dak li l-artikli jirrigwardaw lilu, ipinġuh bħala wieħed li kien imdaħħal f'xi *frame up* jew nasba li twaqqa' fiha l-istess imħarrek Cutajar u dan meta la kien minnu li kien sar tali *frame up* u lanqas li kien minnu li hu (l-attur) kellu mqar sehem ċkejken fih;

Illi l-Qorti jirriżultalha li l-ġrajja li jitkellem dwarhom bħala li għadda minnhom l-imħarrek Cutajar sostanzjalment seħħew tassew, għaliex dawn jinsabu wkoll dokumentati kif imiss fi provi li tressqu fl-atti tal-kawża, wħud minnhom misluta minn atti proċedurali f'kawżi oħrajn. Min-naħa tiegħu, l-attur ma jiċħadx li l-imħarrek Cutajar tassew kien

---

[14] P.A. RCP **24.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Andrew Borġ Cardona vs Joseph S. Abela*** (mhix appellata)
[15] Ara App. Krim. **28.11.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff vs Hedley et noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.iv.1206**)
[16] App. Inf. PS **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Alfred Sant vs Joe Mikallef***

imressaq il-Qorti b'rabta ma' episodji marbutin mal-proċeduri kriminali li dak iż-żmien kienu mexjin kontra ex-Kummissarju tal-Pulizija u li l-attur kien l-uffiċjal ewlieni li matulhom mexxa l-Prosekzzjoni. Jaqbel ukoll li kien wieħed minn żewġ uffiċjali tal-Pulizija li tqabbdu mis-superjuri tagħhom biex jistħarrġu l-imputazzjonjet dedotti fil-konfront tal-imħarrek Cutajar fl-imsemmija episodji. Dak li jiċħad l-attur hu li l-proċeduri meħuda fil-konfront tal-imħarrek Cutajar kienu l-frott ta' xi nasba jew *frame up* jew li huwa kien xi wieħed minn dawk li ħejjiha biex jaqbad fiha lill-istess imħarrek;

Illi meta wieħed jitkellem dwar id-difiża tal-verita' tal-fatti, wieħed jifhem li biex din tirnexxi l-fatti msemmija jridu jkunu sostanzjalment minnhom. Il-liġi ma tridx li kull fatt imsemmi jkun is-sewwa kollu u xejn aktar, iżda tistenna mqar li l-fatt ikun sostanzjalment minnu. Kif inhu mgħallem b'awtorita', meta l-parti mħarrka tressaq l-eċċezzjoni tal-verita' tal-fatt inġurjuż, jaqa' fuqha l-piż li turi li dak il-fatt huwa minnu, għaliex imputazzjoni bħal dik fil-konfront tal-parti attriċi titqies bi preżunzjoni li ma hijiex minnha sakemm il-parti mħarrka jseħħilha turi l-kuntrarju (jiġifieri li hija sostanzjalment minnha). Mhux hekk biss, iżda "*the defendant must prove that the defamatory imputation is true. It is not enough for him to prove that he believed that the imputation was true, even though it was published as a belief only*"[17]. Min-naħa l-oħra, hija wkoll waħda mir-regoli li "*the scope of the plea of justification does not depend upon the meanings of the words complained of pleaded by the plaintiff, but upon the meanings which the words are reasonably capable of bearing*"[18];

Illi ż-żewġ artikli mertu ta' din il-kawża dehru f'żewġ ħarġiet ta' wara xulxin f'gażżetta li toħroġ biss kull nhar ta' Ħadd. L-ewwel artiklu (li deher fil-ħarġa tal-21 ta' Marzu, 1999) kien deher taħt ir-ras "*Wasal iż-żmien li ngħid kollox – Nikol Cutajar, l-ex-Ass. Kummissarju tal-Pulizija*"; it-tieni artiklu (li deher fil-ħarġa tat-28 ta' Marzu, 1999) kien deher

---

[17] Gatley <u>*On Libel & Slander*</u> (10th Edit, 2004) , § 11.4
[18] *Per* O Connor L.J. fil-kawża ***Polly Peck (Holdings) p.l.c. vs Trelford*** [**1986**] Q.B. 1000 C.A.

taħt ir-ras "*Kif u għala għamluli ħajti nfern*". Kif ingħad qabel, il-kontenut taż-żewġ artikli msensla kien ħa s-sura ta' intervista li saret mill-imħarrek Mizzi lill-imħarrek Cutajar, iżda li ma kenitx testwali, fis-sens li ma tniżżlux tweġibiet għal mistoqsijiet, iżda kien ħa s-sura ta' storja b'rakkont li, fi bnadi minnu, kien jieħu siltiet ċitati testwalment ta' kummenti jew rakkont magħmulin mill-istess imħarrek intervistat. Jidher ċar li l-intervista kienet preludju għall-pubblikazzjoni li Cutajar kellu f'moħħu li joħroġ u li huwa kien diġa' kellu abbozz tagħha. Kien jidher ukoll li l-istess Cutajar kien jagħraf li l-kitba tiegħu kienet "waħda li se taqla' diversi kontroversji u stqarr li beħsiebu jiftaħ beraħ 'il-gwardarobba bl-iskeletri' ";

Illi l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li meta xi ħadd jixli lil ħaddieħor bit-twettiq ta' *frame up*, xilja bħal dik hija malafamanti. Dik ix-xilja, mbagħad, tieħu xejra aktar qawwija jekk kemm-il darba l-persuna mixlija tkun membru ta' korp dixxiplinat li d-dmir tiegħu huwa li jħares l-ordni pubbliku u li, fit-twettiq ta' l-funzjonijiet tiegħu, ma jaqax biex jagħmel ħaġa bħal dik. Jirriżulta wkoll mill-artikli pubblikati li l-każ "storiku u uniku" li l-imħarrek Cutajar ried isawwar madawaru l-intervista kollha tiegħu kien il-"*frame up* tal-pulizija kontra wieħed minnhom". Fil-fehma tal-Qorti, kliem bħal dak jammonta, mad-daqqa t'għajn, għal xilja gravi malafamanti għaliex ukoll hija xilja ta' reat. Minn dak l-aspett, wieħed mill-obbligi tal-attur f'azzjoni ta' libell – jiġifieri li juri li ntużaw kliem li jagħtu fama ħażina – jirriżulta mwettaq;

Illi, minkejja li strettament ma kellux għalfejn jidħol aktar 'il ġewwa minn hekk, l-attur għażel li juri li ma kien minnu xejn li tfassal xi *frame up* kontra l-imħarrek Cutajar. Ressaq prova li turi li l-investigazzjoni kontra Cutajar ma nbdietx b'inizjattiva tal-attur, iżda bis-saħħa ta' degriet mogħti mill-Qorti Kriminali, wara li kienet inġibdet l-attenzjoni tal-imsemmija Qorti mill-Avukat Ġenerali ta' dik il-ħabta[19]. Il-Qorti tosserva li dawn il-provi joħorġu kollha minn għajn waħda *ex parte*, li għalkemm hija ammissibbli[20] u ġeneralment kredibbli, kellhom

[19] Xhieda ta' Emanuel Cassar 23.2.2000, f' paġġ. 36 – 8 tal-proċess
[20] Art. 567 tal-Kap 12

inevitabilment it-tendenza li tiċħad l-eżistenza tan-nasba fil-konfront tal-imħarrek Cutajar;

Illi, madankollu, meta l-Qorti qrat bl-akbar reqqa l-provi l-oħrajn dokumentali u x-xhieda tal-istess imħarrek[21], sabet li seħħew ġrajjiet fil-konfront tiegħu li juru li għadda minn xiex għadda b'intervent ta' persuni li, wara s-smigħ xieraq quddiem Qorti tal-ġustizzja, intwera li kellhom sehem kruċjali biex twasslu biex jinbdew il-proċeduri kontrih iżda li mbagħad ħareġ li x-xhieda tagħhom ma tqisitx ta' min joqgħod fuqha minn dik l-istess Qorti fl-aspetti l-iżjed kruċjali tas-sehem tal-istess Cutajar f'dawk il-ġrajja. Uħud mill-persuni msemmija kienu, fiż-żmien rilevanti, uffiċjali fil-korp tal-Pulizija, għalkemm l-attur ma kienx wieħed minnhom. Huwa minnu, kif sewwa jgħid l-attur fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu[22], li mhux kull min jinħeles minn xi Qorti dwar akkużi mressqin kontrih għandu raġun jgħid li kien il-vittma ta' *frame up*, iżda dan l-argument ma jqisx l-istampa sħiħa tal-każ li ma tibeniex **biss** fuq il-fatt li, sussegwentement, l-imħarrek Cutajar inħeles mill-akkużi miġjuba kontrih. Fl-atti tal-kawża hemm provi dokumentali (ġeneralment meħuda minn atti proċesswali[23] u li din il-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn terġa' ssemmi b'dettal) li juru li, sostanzjalment, kien sar tentativ attiv li b'riħietu wassal biex l-imħarrek Cutajar għadda huwa nnifsu minn proċeduri quddiem Qorti. F'dan it-tentativ l-attur ma ntwera li kellu l-ebda sehem. Iżda, bħala ġrajja – u fuq il-bażi waħedha tal-provi li kellha quddiemha fl-atti ta' din il-kawża – l-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek Cutajar seħħlu juri li l-fatt minnu allegat kien sostanzjalment minnu;

Illi l-Qorti sejra issa tqis il-linja l-oħra difensjonali tal-imħarrek Cutajar li **l-attur m'huwiex identifikat fl-artikli inkriminati u li hu qatt ma kellu lill-attur f'moħħu meta kiteb l-artikli**. Biex azzjoni ta' libell bl-istampa tirnexxi, l-kitba li tkun trid tabilfors tkun marbuta ma' l-persuna tal-parti attriċi, imqar jekk tkun indiretta jew "velata taħt xi figura jew oħra ta' espressjoni", u dan lil hinn minn jekk il-

[21] B'mod partikolari dik mogħtija minnu fit-12.11.2001, f'paġ. 148 tal-proċess
[22] Ara paġ. 163 tal-proċess
[23] Dokti f'paġġ 77 sa 117 tal-proċess u Dok "RM1", f'paġġ. 107 sa 110 tal-Atti tal-Kawża 819/99JRM

kittieb tal-istampat kellux f'moħħu lil dik il-persuna meta kiteb dak li kiteb[24]. Madankollu, l-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artiklu ma jfissirx li hija mċaħħda milli tmexxi 'l quddiem azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar l-Istampa, jekk kemm-il darba mill-kontenut tal-istess artiklu joħroġ ċar min kienet il-persuna li dwarha nkiteb dak li nkiteb[25]. F'dan ir-rigward, huwa miżmum li l-identita' tal-parti malafamata tista' tinġieb minn artikli oħra jew materjal ieħor li jkun inkiteb u li jitfa' dawl fuq l-identita' mistura tal-persuna fl-artiklu inkriminat, imqar jekk il-materjal l-ieħor ikun jikkonsisti f'kitba oħra sussegwenti tal-parti mħarrka[26]. Imma l-kejl jibqa' dejjem wieħed li l-eżerċizzju jrid jitqies mill-perspettiva tal-qarrej li għalih l-artiklu jkun maħsub;

Illi, kif intwera diġa', l-attur ma jissemma mkien b'ismu fl-ewwel miż-żewġ artikli, iżda jissemma biss fit-tieni wieħed. Għalkemm m'huwiex probabbli li qarrej ordinarju żamm f'moħħu meta kien pubblikat it-tieni artiklu, fuq medda ta' ġimgħa, dak li nkiteb fl-ewwel artiklu, il-Qorti sejra tqis iż-żewġ artikli bħala pubblikazzjoni waħda, ukoll għaliex ir-ras tat-tieni artiklu tagħmilha ċara li "*Nikol Cutajar* *<u>ikompli</u>* *jitkellem ...It-Tieni Parti*";

Illi l-attur jisħaq li, bit-tħaddim tat-teknika tal-*innuendo*, l-artikli jwasslu lil qarrej biex jifhem li dak li qal l-imħarrek Cutajar kien jirreferi għalih (jiġifieri, l-attur). Jibda biex jgħid li l-kliem pubblikat fl-ewwel artiklu – " ...fejn kapaċi jaslu nies konnessi mal-politika. Kienu uffiċjali tal-Pulizija li sa ftit qabel kont naħdem magħhom spalla ma' spalla, li baqgħu jippruvaw jitfgħuni l-ħabs" – tabilfors jirreferu għalih. F'dan ir-rigward, xhud imressaq minnu u li wkoll jissemma b'ismu fit-tieni artiklu pubblikat, jgħid li hu fehem li Cutajar kien qiegħed jirreferi għall-attur[27]. L-attur ikompli jisħaq li tant hu minnu li l-imħarrek Cutajar irid jorbot dak li għadda minnu mal-attur, li fit-tieni artiklu jsemmi l-episodju

---

[24] App. Ċiv. **13.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***L-Onor. John Rizzo Naudi vs Felix Aġius et*** (mhix pubblikata) .

[25] App. Ċiv. **15.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.372**)

[26] <u>*Gatley On Libel & Slander*</u> (10th Edit, 2004) § 7.4 f'paġ. 164

[27] Xhieda ta' Emanuel Cassar 23.2.2000, f' paġ. 39 tal-proċess

ta’ meta ġie wiċċ-imb-wiċċ mal-attur fil-bini tal-Qorti, u l-attur beda jogħrok idejh malli rah quddiemu;

Illi l-imħarrek Cutajar iwarrab dawn l-argumenti tal-attur. Jibda biex jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kliemu huwa dak li jidher “*tra virgolette*” u għalhekk il-kliem l-ieħor huwa kliem miktub mill-imħarrek Mizzi. Għalhekk, l-attur ma jagħmilx sewwa li kull kelma miktuba tul l-intervista hija daqslikieku kien kliem l-imħarrek Cutajar. Iżid jgħid, madankollu, li huwa ma nqeda bl-ebda teknika tal-*innuendo* biex itebba’ isem l-attur u lanqas imkien ma uża l-kelma “illum” biex jirreferi għan-nies imdaħħla fil-politika. Għall-kuntrarju, jixli lill-attur li daħħal il-kelma “illum” fix-xhieda tiegħu[28] meta din il-kelma ma tidhirx fis-silta tal-artiklu inkriminat. L-imħarrek Cutajar jressaq ukoll argumenti oħrajn biex juri għaliex l-artikli ma għandhomx jitqiesu li jirreferu għall-attur bħala l-persuna (jew waħda mill-persuni) mdaħħla fin-nasba[29];

Illi dak li huwa magħruf bħala “*innuendo*” jew ukoll insinwazzjoni, hija dik l-għamla ta’ espressjoni li tolqot bis-saħħa ta’ dak li ma tgħidx ċar u li timplika, aktarx ta’ xeħta negattiva, u mhux bis-saħħa ta’ dak li tgħid. Għaliex l-*innuendo* huwa għamla ta’ stqarrija inġurjuża li ssir bi kliem li fih innifsu m’huwiex inġurjuż. Il-qofol tal-insinwazzjoni huwa l-ironija[30];

Illi dwar dan l-aspett fil-qasam tal-libell, il-Qrati tagħna ipprovdew li l-piż tal-prova li dak li hu insinwat huwa libelluż, taqa’ fuq min jikkwerala jew jibda l-proċeduri[31] u dan irid jagħmlu billi juri li l-kliem oġġezzjonat jimplika t-tifsira li huwa jagħti lil dak il-kliem, u ma jistax jitbiegħed minn dik it-tifsira u jadotta tifsira oħra li ma tkunx dik primarja[32]. Imma ladarba dan jitwettaq, u jirriżulta li l-kliem

---

[28] Ara paġ. 25 tal-proċess
[29] Ara paġġ. 174 – 7 tal-proċess
[30] Friġġieri, *Dizzjunarju ta’ Termini Letterarji*, paġ. 284
[31] Ara, per eżempju, App. Krim Inf. **29.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira Buttiġieġ vs Cossai*** (Kollez.Vol: **XLII .iv.1526**)
[32] App. Krim Inf. **16.5.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Montanaro et*** (Kollez. Vol : **XLIII.iv.1056**) u P.A. **15.6.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono et noe vs Cassar*** (Kollez. Vol : **XLIX.ii.969**)

inkiteb b'mod ironiku, l-intenzjoni malizzjuża ta' min ikun kiteb dak il-kliem hija intiża fl-istess ironija[33];

Illi huwa mbagħad aċċettat li l-insinwazzjonijiet bla ma huma msejsa minn fatti, magħmulin għal kwalunkwe raġuni, fis-sens li xiħadd ikkorrompa jew li ġie korrott, ma jistgħu qatt jiġu aċċettati la fil-kuntest ta' fatti li jqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm implikati persuni pubbliċi[34];

Illi għall-istess raġunijiet li ssemmew aktar qabel, din il-Qorti jkollha tgħarbel il-kontenut taż-żewġ artikli biex tqis sewwa dan l-aggravju tal-attur. Jeħtieġ li tqishom ukoll fid-dawl ta' x'kienu ċ-ċirkostanzi fiż-żmien tal-ġrajja rakkontati f'dawk l-artikli, ladarba l-artikli jindikaw b'mod ċar għal liema żmien jirreferu b'tismija ta' dati preċiżi;

Illi minn qari sħiħ taż-żewġ artikli, iżda b'mod partikolari minn dik il-parti tat-tieni artiklu li tibda mill-intestatura "*Akkużat*" l-imħarrek Cutajar juri ċar lil min kellu f'moħħu meta semma min kien wara n-nasba li ntisġet kontrih. Wera ċar għal min kien qed jgħid billi semma lit-tliet xhud b'isimhom. Isem l-attur m'huwiex wieħed minnhom. Ħareġ ukoll li tnejn minn dawk ix-xhud kienu membri tal-Korp tal-Pulizija u kellhom rabtiet ma' ambjenti politiċi b'mod ħaj u f'ambjent distrettwali qrib dak tal-imħarrek Cutajar. F'dak iż-żmien l-attur ma kienx għadu daħal fix-xena politika u lanqas biss kien remotament involut fi ġrajjiet fl-imsemmi ambjent distrettwali. Meta nbdew il-proċeduri penali kontra l-imħarrek Cutajar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fuq l-akkużi mressqa kontrih, l-attur ma kienx baqa' jmexxi l-Prosekuzzjoni (flimkien mal-Ispettur Emanel Cassar) għaliex l-attur irtira mill-Korp qabel ma ntemmu dawk il-proċeduri. Mhux hekk biss, iżda Cutajar jgħid li meta l-Qorti tal-Maġistrati ħelsitu mill-akkużi, kien il-Kummissarju tal-Pulizija li appella minn dik is-sentenza. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, bniedem li jkun qed jaqra l-artiklu b'moħħ miftuħ u bla passjoni ma jasalx biex jorbot lill-attur ma' dak li l-imħarrek Cutajar jgħodd bħala r-raġuni

[33] Ara, per eżempju, App. Krim. Inf. **7.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulizija vs Olivieri Munroe*** (Kollez. Vol; **XXXIII.iv.824**)
[34] App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et***

ewlenija – l-allegat *frame up* u l-akkaniment proċedurali min-naħa tal-Korp tal-Pulzija – li wasslitu biex jitkellem fl-intervista[35];

Illi mbagħad, biex il-Qorti tkun tassew qieset l-aspetti kollha f'dan ir-rigward, huwa stabilit li meta xi kliem inġurjuż ikun indirizzat lejn xi wħud biss minn grupp jew korp b'mod indeterminat bla identifikazzjoni individwali, ebda wieħed minnhom ma jista' jaġixxi għal malafama[36];

Illi f'dak li jallega l-attur dwar it-teknika ironika tal-*innuendo* fil-kitba inkriminata, l-Qorti ma rat bl-ebda mod kif jista' jingħad li kliem l-imħarrek Cutajar jew it-tfassila tal-intervista mill-imħarrek Mizzi jistgħu b'xi mod jitqiesu f'vina ironika. Għall-kuntrarju, l-Qorti tara li t-ton stabilit fl-imsemmija artikli kien wieħed maħsub li juri l-gravita' ta' dak li jitkellem dwaru l-imħarrek Cutajar, u kif dak is-suġġett kellu jiżvolġih b'iżjed tagħrif meta joħroġ il-ktieb li kien qed iħejji. Fuq kollox, jidhrilha li s-suġġett trattat fl-intervista, ma kienx wieħed li joħloq sensazzjonaliżmu jew iħajjar it-tqasqis fuq il-ħajja privata, iżda kien wieħed maħsub li jolqot l-interess ġenerali tal-pubbliku qarrej fuq ġrajja li, jekk jirriżulta li hija minnha, tiġbed fuqha konsegwenzi serji[37]. Dan huwa dak li huwa drabi oħra magħruf bħala d-dritt tal-kronaka, li wkoll jinbena fuq kontroll tal-verita' tal-fatti imsemmija[38] u li jaf ukoll jipprevali fuq il-ħarsien tal-interessi ta' r-riservatezza tal-ħajja privata tal-persuna[39];

Illi għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-attur m'huwiex identifikat bħala l-persuna li b'xi mod fasslet in-nasba li jikteb dwarha l-imħarrek Cutajar jew li mexxietha b'xi mod 'il quddiem bi ħsara tiegħu. L-attur jissemma fil-ġrajja bħalma jissemmew imħallef u uffiċjali għolja oħrajn fil-korp, l-aktar bħala dettal fil-qafas kronoloġiku tal-episodji li għalihom jirreferu l-artikli. Għall-kuntrarju, mill-istess qari,

---

[35] Ara App. Ċiv. **15.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Fava et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.169**)
[36] App. Krim. Inf. **13.3.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Louis Galea et noe vs Edwin Privitera et*** (mhix pubblikata) u App. Krim Inf. **13.6.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Giuseppe Mifsud Bonniċi et vs Anthony Farruġia noe*** (mhix pubblikata)
[37] Ara P.A. VS **31.1.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sultana vs Charles Beżżina et noe et*** (mhix pubblikata)
[38] App.Ċiv. Inf. PS **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr George Abela vs Frans Ghirxi***
[39] App. Ċiv. Inf. PS **25.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. David Aġius vs Aleks Farruġia et***

l-Qorti tislet il-fehma li l-attur kien qiegħed lejalment iwettaq dawk li kienu d-dmirijiet tiegħu kemm bħala uffiċjal għoli fil-korp u wkoll bħala uffiċjal tal-qorti f'dawk il-ġrajja;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li dan l-element meħtieġ għas-suċċess tal-azzjoni attriċi ma jirriżultax lanqas;

Illi ladarba l-Qorti waslet għall-imsemmija fehmiet, jiġi li l-ewwel talba attriċi ma tistax tintlaqa' ladarba jonqsu, għall-anqas fil-konfront tal-attur li ressaqha, tnejn mill-elementi meħtieġa għall-ilqugħ tagħha minn din il-Qorti. Ifisser ukoll li l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrkin Cutajar u Mizzi jirriżultaw mistħoqqa, u għalhekk sejrin jintlaqgħu;

Illi minħabba li t-**tieni talba attriċi** hija konsegwenzjali u tinbena fuq l-ewwel waħda, l-Qorti m'għandhiex għalfejn tqisha;

Illi jifdal li l-Qorti tirreferi għall-**eċċezzjonijiet tal-imħarrek Briffa** fil-kwalita' li fiha tħarrek. Huwa tħarrek bħala l-editur tal-gażżetta li fiha dehru ż-żewġ artikli;

Illi, fid-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża man-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, l-imħarrek Briffa jgħid li m'għandux jinstab responsabbli għal xi ħsara li l-attur jgħid li ġarrab ladarba l-artikli nkitbu minn persuna (intervistatur) identifikata dwar kliem li qalet persuna (l-imħarrek intervistat) daqstant ieħor identifikata. Għalhekk, is-sehem tiegħu bħala editur tal-gażżetta kien biss dak li offra wisgħa fil-gażżetta tiegħu għall-imsemmija intervista bla ma assoċja ruħu b'xi mod ma' dak li ngħad u nkiteb fl-istess artikli;

Illi l-liġi tidher li tagħmilha ċara li l-editur ta' gażżetta jġorr responsabbilta' flimkien ma' min ikun kiteb fil-gażżetta tiegħu[40]. Il-fatt li l-persuna li tkun kitbet il-pubblikazzjoni tkun magħrufa m'hijiex raġuni biex taqla' lill-editur mir-responsabbilta' (jekk ikun hemm). Huwa biss meta la l-kittieb u lanqas l-editur ma jkunu magħrufa li l-liġi tgħabbi

[40] Artt. 23(a)(b) u 25(1) tal-Kap 248

bir-responsabbilta' lil min jintriga għall-pubblikazzjoni li tkun[41]. Għalhekk, taħt il-liġi tagħna, ir-responsabbilta' tal-editur hija bħallikieku solidali ma' dak li jkun ippubblika fil-gażżetta tiegħu[42];

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Briffa, safejn timmira li taqilgħu 'l barra mill-applikabilita' tal-ewwel talba attriċi, ma jidhirx li hija tajba;

Illi, madankollu, sewwasew minħabba din is-solidarjeta' fir-responsabbilta' mal-awtur tal-pubblikazzjoni, u ladarba l-Qorti sabet li la l-awtur u lanqas il-persuna intervistata ma huma responsabbli għall-malafama tal-attur, jiġi li lanqas l-editur ma jista' jitqies responsabbli lejn l-attur ta' xi ħtija fejn m'hemmx;

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra ssib li l-eċċezzjoni hija tajba fil-mertu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi biex issib li l-kitba u l-istampati msemmija kienu libellużi fir-rigward tal-attur jew li kienu jirreferu għalih;

**Tastjeni milli tqis it-tieni talba attriċi** ladarba din hija konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek Briffa;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek Cutajar għaliex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek Mizzi** għar-raġunijiet fuq imsemmija; u

---

[41] Art. 23(ċ) tal-Kap 248

[42] Ara App. Ċiv. **18.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartoli vs Semini et*** (Kollez. Vol : **XXXII.i.350**) u App. Ċiv. **21.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***DeMarco vs Aġius et*** (Kollez. Vol : **LXXV.ii.462**)

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż tal-kawża** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------